Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida**
**Id-Disa' LEĠISLATURA**
**Laqgħa Numru 5**
**Tlieta 17 ta' Settembru 2024**

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida Itaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza

**PREŻENTI:**

Charles Selvaggi : Sindku
Margaret Baldacchino Cefai : Kunsillier
Christine Amaira : Vici Sindku
Maurice Agius : Kunsillier
Jean-Claude Borg : Kunsillier
Alfred Farrugia : Kunsillier
Andrew Mallia : Kunsillier
Nicholas Joseph Chircop : Kunsillier
Christopher Borg : Kunsillier

**ASSENTI B’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Alan Vella : Segretarju Ezekuttiv (Agent)

**Minuti**

Is-Sindku Charles Selvaggi ippresieda l-laqgħa.

Nota tas-Segretarju Eżekuttiv

laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 04 li kelli tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 02 ta' Settembru 2024 fil-5:00 pm ġiet mħassra minħabba li Segretarju Eżekuttiv ma' setax ikun dispost.

**5.1 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija;**

5.1.01 Il-kunsilliera kienu kollha preżenti

Sospensjoni tas-seduta

Is-Sur Jean Claude Borg talab għal sospensjoni tas-seduta biex tkun osservata minuta ta'silenzju b'rispett għal memorja tal- Karl Gouder, eks Deputat tal-Partit Nazzjonalista u Sindku ta' San Ġiljan u Raymond Vella missier is-Segretarju Eżekuttiv li għaddew għal ħajja ta'dejjem.
Il-kunsilliera preżenti osservaw Minuta Silenzju.

**5.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

5.2.01 Il-minuti tas-Seduta L9-03, ittieħdu bħala moqrija.
Il-minuti ġew approvati unanimament.

**5.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

5.3.01 Is-Sindku Charles Selvaġġi tkellem dwar l-għaqda Donninu f'rigward il-Ġbir ta affarijiet u oġġetti li in-nies iħallu fil- bini amministrattiv tal-kunsill bħala pickup point

5.3.02 Is-Sindku Charles Selvaġġi tkellem dwar attivitajiet li saru u l-inviti mill l-għaqdiet Melita Banda San Guzepp u Tas-sajjieda fejn se tintbagħat ittra ringrazzjament.

5.3.03 Is-Sindku Charles Selvaġġi tkellem dwar ir-rappreżentanza tal-kunsill Lokali l-Imsida permezz ta' Alex Zammit bħala ko- ordinatur, Margaret Baldacchino Cefai u Christopher Borg fil-programm Ewropew taħt Citizens Town Network imexxi mill BTIN li jservi biex jressaq , jagħqad u jsaħħaħ ċittadini żgħażagħ li jgħixu fl-ibliet tal-fruntiera tal-Ewropa.

5.3.04 Is-Sindku Charles Selvaġġi tkellem dwar laqgħa ma' l-PWD fejn ta'dettalji f'hiex tikkonsisti , u l-cut off dates f'Ottubru 2024 u Frar 2025 , Dwar x'proposti jistgħu jiġu kunsidrati bħal Pjazza Dun Andre , Rampa (Afforestazzjoni Swatar) , Kulvert San Antnin u Triq il-Kunċizzjoni. semmew dettalji oħra f'rigward tal-periti u materja relatata

5.3.05 Is-Sur Charles Selvaġġi Tkellem dwar attività taz-Zumba li se ssir go Misraħ San Guzepp nhar il-5 ta'Ottubru

5.3.06 Is-Sur Charles Selvaġġi Tkellem dwar komunikazzjoni min Transport Malta biex tfakkar f'rigward il-ħin tal-permessi go toroq f'ġranet skolastiċi

5.3.07 Is-Sur Charles Selvaġġi Tkellem dwar l- użu tal-Pixxina tan-Neptunes W.S.P.C minn residenti anzjani l-fuq min 60 sena fi ħdan ir-Reġjun wara li kien iffirmat kuntratt għal ħames snin bejn dan il-klabb flimkien mar-Reġjun Lvant għalhekk inizjattiva tkompli fit-tielet sena tagħha fejn min irrid jiġi jirriserva mal-kunsill skond l-skeda miftehma bħal snin preċedenti

5.3.08 Is-Sur Charles Selvaġġi Tkellem dwar il- Mosiacs workshop li se jerġa jibda wara waqfa qasir għal vaganzi. Il-kunsillier preżenti għamlu diskussjoni qasira dwar ideat ta' x jista' ssir madwar il-lokal b' l-affarijiet l-jagħmlu dawn l-studenti.

5.3.09 Is-Sur Charles Selvaġġi tkellem dwar laqgħa li kellu mal-Kumitat tat-Tismija tat-Toroq flimkien ma'sinjura Margaret Baldacchino Cefai fejn ġie diskuss problemi li nstabu biex ikunu nnumerati Triq il-Kunċizzjoni u Triq Misraħ il-Barrieri ġewwa l-Imsida fejn saru xi proposti li magħhom kien hemm qbil fil-prinċipju.

**5.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

5.4.01 B'referenza għal minuti 3.3.01 Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai staqsiet jekk kienx hemm residenti nteressati biex ikunu membri ta' Sotto-Kumitat Swatar.
Is-Alfred Farrugia wieġeb li applikaw sitt persuni u għandha tissejjah laqgha fil-viċin

5.4.02 B'referenza għal-minuti 3.3.04 Is-Sur Nicholas <Chircop> staqsa dwar kemm huwa pjanat li jdum ix-xogħol li qed ssir mill-Infrastructure Malta go Toroq , Bordin , Garcin u l-Għajn tal-Ħasselin
Is-Sindku Charles Selvaggi wieġeb li se jara meta se jingħata it-Tarmak

Mubdula <Chircop>

5.4.03 B'referenza għal-minuti 3.3.05 dwar ix-xogħol li jrid ssir fil-parti magħluqa go Triq Achille Ferris Is-Sindku Charles għarraf lill kunsilliera preżenti li Transport Malta waqfet lill kuntrattur milli jkompli għax għalaq il-karreġġjata go Triq Mikiel Anton Vassalli minkejja li kellu il-permess tagħhom li issa ġew revokata minnhom stess.
Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li għamel kuntatt mal-awtorità biex jara x'kienet ir-raġuni , iżda ma'kienx hemm ħadd li jista' jagħti tweġiba ċara.

5.4.04 B'referenza għal minuti 3.4.02<Is-Sur Jean Claude Borg tkellem>f'rigward l-abbużi relatata ma'skart u dwar post li sar fuq l-paġna ta Facebook fejn seta' ingħata x'jiftiehem li dan is-suġġett tħalla fuq l-xkaffa u ma'sar xejn fejn tkellem dwar bosta miżuri li saru matul l-bħal tabelli tal-iskeda go toroq , kampanja edukattiva ,ittri ta'informazzjoni b'lingwa differenti li tqassmu flimkien ma' bosta affarijiet oħra <bhal CCTV>. Spjega ukoll kif saru bosta rondi filgħaxija go toroq fejn tkellmu ma' ħafna residenti jew sidien ta'stabbilimenti flimkien ma' persuna oħra u Sindku ta'dak iż-żmien avolja ma' kienx hawn pulizija tal-komunità li bdew ftit taż-żmien ilu grazzi għal ħidma li saret qabel

mizjuda <Is-Sur Jean Claude Borg tkellem> <bhal CCTV>

Is-Sindku Charles Selvaggi wieġeb li ma' kienitx intenzjonata hekk u ma' riedx jagħti x'tfisser li qatt ma'sar xejn u l-vokabularju seta' isir mod ieħor kif ġa tkellem ukoll dwaru mas-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai. Hawn spjega l-skop għal -dawn l-avviżi fuq kull mezz li l kunsill jista jwassal messaġġ sabiex ir-resident ikun jaf dwar dak li qed issir. Tkellem ukoll dwar CCTV kameras u x'hemm bzonn jagħmlu il-LESA u dwar novità bħal bins apposta li resident jista' juża pemezz ta'card.

5.4.05 B'referenza għal minuti 3.5.04 Is-Sur Maurice Agius staqsa dwar talba għal permess ma Transport Malta sabiex ssir parkeġġ fuq il-Bankina bejn is-7:00pm u 7:00amgo Triq il Ħarrub.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li flimkien mas-Sindku mar fuq il-post fejn ħadu il-qisien ta'triq b'kunsiderazzjoni bħal li kieku kien hemm vettura fuq il-bankina faċċata ta parkeġġ ieħor fejn kull ma jħalli spazju huwa ta'żewġt metri li mhux biżżejjed li timmanuvra vettura bejniethom. Spjega ukoll li go triq kull ma hemm hija parti żgħira li tippermetti spazju għal vettura li dak il-ħin kien hemm waħda gol post

5.4.06 B'referenza għal-minuti 3.5.01 dwar għassa magħluqa , Is-Sindku Charles għarraf lill kunsilliera preżenti li l-Pulizija aċċettaw li jibgħatu uffiċjal stazzjonat ġol-bini amministrattiv tal-kunsill ġol-Bord room biex jieħu rapporti mit-Tnejn sal-Ġimgħa mis-7:00am sa 13:30 .Hawn spjega li dan almenu huwa bidu fejn għadu se jirsisti li jkun hemm aktar preżenza ta'uffiċjali matul il-ħin kollu.

5.4.07 B'referenza għal minuti 3.5.03 Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk sarx kuntatt mas-sid l- art privata go Triq Santa Venera k/m ma' Triq il- Wied sabiex jintalab inaddaf

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li ma għandux dettalji tas-sid u daħal fis sit tal-PA fejn kull ma hemm isem ta'persuna u l-ebda numru ta'telefon jew indirizz postali fejn jista' jagħmel kuntatt.

5.4.08 B'referenza għal minuti 3.5.09 Is-Sur Alfred Farrugia staqsa dwar iż-Żebgħa għal-pedestrian crossings go Rue'D'Argen
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li b'għat għal stima sabiex dan ix-xogħol flimkien ma biċċiet oħra ssir min kuntrattur minħabba limitazzjonijiet spjegati f'seduta preċedenti.

5.4.09 B'referenza għal minuti 3.5.10 Is-Sur Alfred Farrugia staqsa jekk saritx it-talba i biex ssir Bus Stop go Triq Box Box
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li qed tiġi formolata il-proposta bit-talba ma' TM (Linja) inkluż il-pjanta tas-sit

5.4.10 B'referenza għal minuti 3.5.15 Is-Sur Charles Selvaggi tkellem dwar kif jista' ssir it-tiżjin ta' dawl tal-Milied fejn ġie propost li jitnaqqas xi biċċiet min Xatt ta'Xbiex sabiex issir go Ċirku Msida. Għarraf ukoll lill kunsilliera preżenti li kif msemmi f'seduta preċedenti is-sinjuri Jean-Claude Borg u Christine Amaira f'isem il-kunsill se jduru mal-komunità tan-negozju sabiex jipprovaw jiġbru fondi apposta biex ma'dan l-skop

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota u ġibed l-attenzjoni dwar id-dawl tal-bandli tas-Swatar fejn spjega li dan huwa mqabbad ma' meter f'isem il-PWD li għalih l-ARMS qatt ma'ħarġet kont qabel Ottubru 2023 mis-sena 2000 fejn issa qed titlob b'l-arretrati. Hawn spjega li waqt laqgħa apposta msejjħa mis-CEO l-intenzjoni tal-PWD hija li tħallas u tneħħi is-servizz tal-meter għalhekk wara diskussjoni dwar x' jispeċifika il manwal dwar id-devoluzzjoni għal manutenzjoni tal fanali ta'dawl f'idejn l-kunsilli, talab sabiex jingħata ċans jivverifika mal- Enemalta u l-ARMS dwar x'jista' ssir f'dan il-każ min huwa responsabli li jieħu ħsieb jwassal is-servizz sal-fanal li jkun zona miftuħa għal użu pubbliku.

5.4.11 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar tiżjin għal mal-faċċata tal-bini amministrattiv u ppreżenta 3 stimi b'mudell ta l-irħas fejn spjega li l-liedna b'dawl li kienet tintuża qed titmermer u spiċċat b'hekk għalkemm għadu żmien hemm bżonn li l-kunsill jibda jaħseb sabiex jekk id-disinn li qed jipproponi jiġi approvat ikun jista' jinħadem.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew fejn kien hemm xi suġġerimenti dwar id-disinn fil mudell li ġew diskussi u maqbul li jista' jkun modifikat għalhekk unanimament approvat għal inklużjoni mal-estimi finanzjarja tas-sena dieħla (2025)

5.4.12 B'referenza goal minuti 3.5.16 biex jissewwa l-stair lift is-Sur Maurice Agius tkellem dwar l-stimi u staqsa sabiex ssir komunikazzjoni mal-Aġenzija Sapport sabiex il-kunsill jara jekk hemmx x'fondi apposta għal dan l-skop

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota

5.4.13 B'referenza għal minuti 3.5.17 Is-segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li l Bord tal-evalwazzjoni maħtur għal sejħa ( Klmsd / Tdr/ 02 / 2024 Tender For The Professional Services Of A Community Liason Manager In Relation With L-Imsida Creek Project Works Within The L-Imsida Local Council ) iltaqa' Tlieta 13 ta'Awissu fin-nuqqas ta' rappreżentant tal IM. Għalhekk Il-membri preżenti għalkemm xorta raw x'hemm fil-kontenut ta' żewġt offerti (A/B) sabiex il-quddiem ssir l-evalwazzjoni skond il kriterji mitluba ma'setgħux imorru għal fażi suċċessiva. F'rigward is-sejħa ta'tender ( Klmsd / Tdr/ 01 / 2024 Tender For The Provision Of Cleaning Services For The L-Imsida Local Council Offices And Civic Center ) li għada pendenti biex jibda il-proċess ta' evalwazzjoni. Filwaqt li żewġt tenders oħra ġew evalwati liema rapporti huma se jiġu preżentati aktar il-quddiem f'seduta.

**5.5 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

5.5.01 Is-Sindku Charles Selvaggi poġġa fuq il mejda kopja ta' ċirkulari SPI/SCI/07/2024 dwar Espressjoni ta' Interess għal servizz ta' manutenzjoni minuri f' binjiet pubbliċi li ttieħdet bħala moqrija. Hawn spjega li l-bini amministrattiv jeħtieġ bosta xogħol ta'manutenzjoni bħal Tibjid u kisi li minħabba nuqqas ta'ħaddiem il-kunsill huwa kostrett jiġbor stimi sabiex dan issir.

Il-Kunsilliera ppreżenta ddiskutew x'hemm bżonn ssir fosthom l-stat ta' Tromba tal-bejt, il Board room , Day Center , l- komun u taraġ fejn unanimament approvaw li l-kunsill għandu japplika sabiex ssir ix-xogħol ta' manutenzjoni neċessarja.

5.5.02 Is-Sindku Charles Selvaggi poġġa fuq il-mejda komunikazzjoni b'talb sabiex ssit tibdil fil-ħin ta'ftuh tal-librerija peress li l-Ġimgħa filgħaxija bejn17:00 u 19:00 prattikament ħadd mhu qed jattendi għalhekk jkun aktar vijabbli li s-sagħtejn li ġew allokati għall-Ġimgħa filgħaxija jiġu trasferiti siegħa għall-Erbgħa filgħodu u siegħa għas-Sibt filgħodu b'hekk il Hin ta ftuħ ġdid ikun " l-Erbgħa u Is-Sibt min 8.30 sa 13.30".B'hekk il-klijenti se jkollhom aktar ħin disponibbli nhar ta 'Sibt speċjalment meta jkunu qed imexxu l-errands tagħhom kif normalment jiġu fl-aħħar minuta qrib il-ħin tal-għeluq.

Is-Sinjura Christine Amaira tkellmet dwar l-spazju tal-librerija u staqsiet jekk din tistax tkun allokata minflok il-kamra tal-IT għax ikbar

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota u spjega li jista' jittieħed qies u l-kunsill jara eżatt kif se jsir it-tqassim tal kamra proposta minħabba li din fiha aktar aperturi li ma jistgħux jiġu magħluqa bl-ixkaffar li hemm

Il-kunsilliera preżenti approvaw unanimament il-ħin tal ftuħ propost

5.5.03 B'referenza għal minuti 2.3.05 Is-Sindku Charles Selvaggi tkellem dwar ix-xelter li jinsab fl-akkwati ta' Boxbox fl-Imsida u sabiex il-kunsill Lokali jikkunsidra li dan jgħaddi f'idejn il-Kunsill Lokali tal-Imsida b'devoluzzjoni. Hawn spjega li kif kien msemmi f'seduti preċedenti għad ma hemm l-ebda informazzjoni Jekk dan ix-xelter hux fi ħdan art privata jew pubblika jew hux ġa devolut lill xi entita pubblika iżda jekk le tajjeb li il-kunsill jieħu kontroll amministrattiv tiegħu biex jiġi konservat.

Il-kunsilliera preżenti approvaw unanimament

5.5.04 B'referenza għal-minuti 3.3.02 , Is-Sur Nicholas J <Chircop> tkellem dwar il-programm sportiv għat- tfal organizzat b'kollaborazzjoni mal- Imsida Football Nursery liema attivitajiet waslu lejn il-qofol tagħhom u għad irridu jinxtraw it-trophies u tifkiriet tal-parteċipazzjoni li b'kollox jammontaw għal €791.78.

Mubdula <Chircop>

Il-kunsillier preżenti ddiskutew u approvaw unanimament.

5.5.06 Is-Sur Charles Selvaggi Tkellem dwar il-problema li għandu il-kunsill b'nuqqas ta'ħaddiema assenjati li huma kapaċi jagħmlu xogħol ta'manutenzjoni ġenerali fuq barra jew fejn meħtieġ għalhekk wasal iż-żmien li tiġi kunsidrata sejħa għal ingaġġ ta' ħaddiem b' sengħa bażika( min Skala 18 sa 16) li jkun responsabli għax-xogħolijiet meħtieġa.

Il-kunsillier preżenti ddiskutew u approvaw unanimament li tiġi preparata talba lid-dipartiment sabiex tinħareġ sejħa skond ir-regoli relatati.

5.5.07 Is-Sinjura Christine Amaira tkellmet dwar l-Għajn tal-Ħasselin u kif flimkien ma-sur Alfred Farrugia <giet infurmata dwar> it-testijiet li saru fejn jidher li ma hemmx kontaminazzjoni ta'drenaġġ u sabiex tinstab ir-raġuni għala l-ilma qed jiġrilu hekk

mibdula: <giet infurmata dwar>

5.5.08 Is-Sinjura Christine Amaira tkellmet dwar email biex tfakkar għal SPI/SCI/04/2024 - Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali - għax kienet se telaq

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb dan huwa applikabbli għal proġetti mill-Gvern Ċentrali mis-sena 2013 l-hawn, iżda apparti dak riċenti tal-promenade kull ma sar hija wesgħat il-kunsill Lokali li ma għandiex bzonn ta'l-ebda intervent.

5.5.09 Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar l-applikazzjoni taħt programm ta' finanzjament tal-UE CERV għal parteċipazzjoni bħala msieħba ma KOPIN fil-proposta "JALLA" b' ID 101214011, li ġiet sottomessa taħt - suġġett CERV-2024-CHAR-LITI-SPEECH Protezzjoni Il-valuri u d-drittijiet tal-UE billi jiġġieldu d-diskors ta' mibegħda u l-kriminalità ta' mibegħda. Fejn tagħt x'dettalji dwar l-skop jekk ikun approvat goal ħabta ta Marzu 2025

mhassra< tal-għotja>

5.5.10 s-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar il-kontenut intervista li saret mas-sindku mill Malta Today fejn fakkret li l-kunsill preċedenti kien unanimament qabel mal-proġett tal-Imsida Creek.

Is-Sindku Charles Selvaggi wieġeb li mill percezzjoni ta nies li qed jitkellmu miegħu jidher li mal-ispazju miftuħ fil proġett hemm qbil iżda mhux fuq il-flyover <li dejjem kellu riservi> għalhekk jixtieq jara li jseħħ dak li verament irridu ir-residenti tal-Imsida

mizjuda <li dejjem kellu riservi>

5.5.11 Is-Sur Jean Claude Borg tkellem dwar dak li qed jiġi pubblikat fuq il-Face book dwar il-laqgħa mal-Ministru tal-Edukazzjoni u il-messaġġ fejn il-kontenut tal verbali wżat ma jkunx korrett u magħmul biex jagħti impressjoni li dan issa qed ssir u mhux kontinwazzjoni ma ta qabel

<Is-Sindku Charles Selvaggi kjarifika li dak li qed jigi publikat fuq FB iservi biss l-skop biex jwassal dak li qed jaghmel il-kunsill shih fil-kolletiv>

<mizjuda>

5.5.12 Is-Sur Christopher Borg tkellem dwar ix-xoffa fis cycle trak tal-promenade u staqsa jekk jistax ssir x'tip ta'highlighter

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa'nota

5.5.13 Is-Sur Alfred Farrugia tkellem dwar parkeġġ għad diżabilità go Triq Ġakkino Navarro l tneħħa riċenti għax fuq min kien il-permess ma għadux hemm u talab sabiex ssir applikazzjoni għal wieħed komunali sabiex taqdi numru ta'residenti ta'triq b'bżonnijiet relatati

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota

5.5.14 Is-Sur Alfred Farrugia tkellem dwar il-funtana ta'Rue D'Argen għax jinsab infurmat mis-segretarju Eżekuttiv li jista' jkun hemm x' qsim għax qed titlef ħafna ilma.

Saret diskussjoni qasira f'rigward u dwar xogħol ta manutenzjoni u tiswija li sar riċenti fuq il-funtana u sistema kif ukoll kien hemm xi suġġerimenti dwar x'jista' ssir biex tissewwa il-vaska.

5.5.16 Is-Sur Alfred Farrugia tkellem dwar il-ħruġ min Triq Dun Andre għal Triq il-Wied tal-Imsida fejn il-vetturi qed joħorġu dritt biex iduru l-isfel direzzjoni lejn il-kunsill sabiex ssir tabella u Bollards ħalli jiġi evitat il-periklu.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota u wieġeb li din hija triq arterjali u se jgħaddi l-proposta lill TM

5.5.17 Is-Sur Alfred Farrugia tkellem dwar id-dawl ħdejn l-Għassa u xtaq jirringrazzja lis-Supretendent tal-pulizija li laqgħa talba biex ssir dawl temporanju mad-dawra.

5.5.18 Is-Sur Alfred Farrugia tkellem dwar id-dawl ħdejn tal-boċċi għax infurmat li mhux qed jixgħel u il-kuntrattur tal-kunsill ma jridx jidħol fiha.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li skond il-kuntrattur hemm problema ta cable li biex jinbidel irrid jinqala kull ma hemm b'hekk xi snin ilu kien ġie mgħoddi dawl li suppost kellu jkun temporanju mqabbad ma main gol kamra li għal snin tispiċċa b'il katnazz jiġi mqaċċat ta' kull meta ssir wieħed u ħadd ma jkun jaf xejn. Għalhekk jista' jkun li l-kuntrattur ma jridx jieħu responsabiltà sakemm ma jsirx x'haġa li l-meter ikun sigur minħabba tbagħbis li jista' ssir.

5.5.19 Is-Sur Alfred Farrugia tkellem dwar problemi li qed ikun hemm mill-kuntrattur tal-Bulky refuse ghax mhux qed jiġbor affarijiet li jkun hemm fil lista.
Il-kunsilliera preżenti għamlu diskussjoni dwar is-suġġett fejn ġie msemmi li qed jaslu bosta rapporti dwar dan.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota u wieġeb li ġa qed jivverifika dwar dak li qed jingħad u ir-rapporti msemmija għax fil mument huwa ukoll għandu ċerta informazzjoni fejn qed jara jekk dawn humiex ġejjin min fatturi oħra

5.5.20 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar jum l-Anzjani fejn spjega li se ssir quddiesa go Raħhal Ġdid u staqsa biex il-kunsill jikkunsidra li jsir trasport finanzjat mill kunsill lokali biex jaqdi residenti nteressati li jattendu
Il-kunsilliera preżenti approvaw unanimament

5.5.21 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar Nanniet Malta li se jerġgħu jibdew jiltaqaw wara is-sajf kull nhar ta'Ħamis u staqsa jekk il-kunsill jistax jipprovdi Te u Café bħal ma kien ssir qabel
Il-kunsilliera preżenti approvaw unanimament

5.5.22 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar Triq San Lwiġi u talab sabiex la-issa bdiet l-skola il-kunsill jikkunsidra jieħu deċiżjoni sabiex imexxi bil-pjan l ssir ONE way l-fuq mal-ewwel u ma joqgħodx jistenna x'se jiġri minħabba il-proġett tal-Imsida Creek

Saret diskussjoni qasira bejn il-kunsilliera preżenti iżda ma kienx hemm l-ebda deċiżjoni

5.5.23 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar Triq Censu Farrugia / Misraħ il-Barrieri / Ġwann Mamo u ippropona li jsir traffic management li jinkludi Ġwann Mamo One way lejn Triq is-Snajja u Misraħ il-Barrieri min k/m Snajja' sa Censu Farrugia tiġi One Way l-isfel.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota u wieġeb li TM ġa approvat TM għal Misraħ il-Barrieri biss ma dik il-pjanta kien pprepara ukoll għażla ta proposti differenti fosthom waħda b'Traffic management simili li dak iż-żmien kien hemm riżervi fuqa.

**05.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat ;**

5.6.01 B'referenza għal minuti 3.5.17 Is-segretarju Eżekuttiv tkellem dwar l Bord tal-evalwazzjoni maħtur għal sejħa ( Klmsd / Tdr/ 05 / 2024 Service Tender For The Provision And Maintenance Of Energy Efficient Street Lighting In L-Imsida And Parts Of Swatar Administered By The L-Imsida Local Council) , iltaqa' t-Tlieta 13 ta'Awissu fejn ddiskuta u evalwa l-offerta ewlenija (A) u ġie verifikat jekk din hiex skond il kriterji mitluba. Hawn għarraf lill kunsilliera preżenti li rapport sab l-offerta konformi għalhekk qed ssir rakkomandazzjoni li tkun approvata .

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew l-offerta u approvaw unanimament ir-rakkomandazzjoni tal- offerta (A) mil-Bord għal evalwazzjoni għas-sejħa Klmsd / Tdr/ 05 / 2024 Service Tender For The Provision And Maintenance Of Energy Efficient Street Lighting In L-Imsida And Parts Of Swatar Administered By The L-Imsida Local Council

5.6.02 B'referenza għal minuti 3.5.17 Is-Segretarju Eżekuttiv tkellem dwar l Bord tal-evalwazzjoni maħtur għal sejħa ( Klmsd / Tdr/ 04 / 2024 Tender For The Provision Of Driver Services Within The L-Imsida Local Council) iltaqa' t-Tlieta 13 ta'Awissu fejn ddiskuta u evalwa żewġt offerti (A/B) u verifika jekk dawn huma skond il kriterji mitlub. Hawn għarraf lill kunsilliera preżenti li rapport sab li offerta (A) li ma'kienetx sodisfatt il-kriterji tekniċi kollha filwaqt li l-Offerta (B) kienet konformi Għalhekk qed ssir rakkomandazzjoni ta' l-offerta (B) biex tkun approvata .

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew l-offerta u approvaw unanimament ir-rakkomandazzjoni tal*offerta B mill - Bord għal evalwazzjoni għas-sejħa lKlmsd / Tdr/ 04 / 2024 Tender For The Provision Of Driver Services Within The L-Imsida Local Council

**05.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

05.7.01 Is-segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda l-iskeda K9-05 ta' ħlasijiet bejn is- 07 ta' Awissu u 17 ta'Settembru 2024.
Il-kunsilliera preżenti iddiskutew u approvaw l- iskeda unanimament li ġiet proposta mis-sinjura Margaret Baldacchino Cefai u sekondat sur Alfred Farrugia

**05.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

05.8.01 Il-laqgħa ntemmet fis- 07:40 ta' filgħaxija, u s-seduta li jmiss se tkun nhar it-Tlieta 22 ta' Ottubru fil-5:00 ta' filgħaxija

Minuti konfermati, illum 22 ta' Ottubru 2024

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Charles Selvaggi | Alan Vella |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |